# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2019

## Talba Numru 287/2018SFJ

***GO p.l.c. (C22334)***
***vs.***
***Alexandra Attard (584090M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenuta debitriċi tagħha fl-ammont ta' tmien mija, sitta u tletin Ewro, erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€836.24ċ) in kwantu għal ħames mija, sebgħa u tmenin Ewro, erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€587.24ċ) in konnessjoni mas-servizzi miġbura fil-kont numru 40563048 u mitejn u disgħa u erbgħin Ewro (€249.00ċ) in konnessjoni mas-servizzi miġbura fil-kont numru 40505306, bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1903/2017 u bl-imgħaxijiet legali.

Ra li in sostenn tat-talba, is-soċjetà attriċi ippreżentat is-segwenti dokumenti:

| | |
|---|---|
| Dokument A1 | *Statement* datat 3 ta' Jannar 2018 relattivament għall-kont numru 40563048; |
| Dokument A2 | *Statement* datat 16 ta' Jannar 2018 relattivament għall-kont numru 40505306; |
| Dokument B1 | *GO Service/Bundle Agreement Order Form* u *Go Service Equipment Order Form* datata 11 ta' Jannar 2017 relattivament għall-kont numru 40563048; |

| | |
|---|---|
| Dokument B2 | *GO Service Order Form* datata 23 ta' Diċembru 2014 relattivament għall-kont numru 40505306; |
| Dokument B3 | Kopja ta' *Altered Certificate of Registration as a Result of Amalgamation* maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpanniji datat 31 ta' Diċembru 2015 li jiċċertifika li s-soċjetà attriċi akkwistat is-soċjetà Mobisle Communications Limited (C24655) nhar id-19 ta' Diċembru 2015; |
| Dokument Ċ | Kopja tal-ittra uffiċjali numru 1903/2017 (Qorti tal-Maġistrati [Malta]) ippreżentata fil-25 ta' Lulju 2017 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenuta sabiex tħallasha mitejn u disgħa u erbgħin Ewro (€249.00) relattivament għas-servizzi miġbura fil-kont numru 40505306; u |
| Dokument D | Estratt mir-Reġistru Elettorali li jikkonferma l-indirizz tal-konvenuta bħala "140, Flat 3, Triq Sant'Orsla, Valletta". |

Ra li skont riferti datati 22 ta' Marzu 2019, jidher li l-konvenuta ġiet validament innotifikata bil-proċedura tal-affissjoni fit-18 ta' Marzu 2019 u fil-21 ta' Marzu 2019.

Ra li l-konvenuta ġiet validament innotifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u dan skont kopja tal-paġna relattiva tal-Gazzetta tal-Gvern maħruġa fit-22 ta' Marzu 2019.

Ra li fis-27 ta' Marzu 2019 is-soċjetà attriċi ippreżentat nota bid-dokument immarkat "GO1" li hija kopja tal-paġna numru 11 tal-gazzetta lokali *The Times of Malta* tal-25 ta' Frar 2019.

Ra li fis-seduta tal-10 ta' April 2019, l-Avv. Keith Grech għas-soċjetà attriċi irrileva li kien sar żball fin-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern stante li l-indirizz indikat kien "Flat 4" meta suppost kien "Flat 3" u għalhekk, it-Tribunal ordna li n-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern issir mill-ġdid bl-ispejjeż sopportati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili.

Ra li l-n-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern reġgħet ħarġet, din id-darba korrettement, fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' April 2019.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2019 ġie osservat li t-terminu għar-Risposta tal-konvenuta kien għadu għaddej u għalhekk, il-kawża ġiet differita għall-preżentata tar-Risposta għat-13 ta' Mejju 2019.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019 il-konvenuta, msejħa tlett darbiet, ma dehritx.

Ra li f'dik l-istess seduta xehdet Maryanne Camilleri, prodotta in eżami mis-soċjetà attriċi, li ikkonfermat taħt ġurament li l-konvenuta kienet debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019 il-konvenuta reġgħet ma dehritx u lanqas ippreżentat Risposta

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija, sitta u tletin Ewro, erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€836.24ċ) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**